MALTA

QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

ONOR. IMHALLEF
LAWRENCE QUINTANO

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 136/2012

Il-Pulizija
(Spt. Stephen Mallia)
Vs
Joseph Fenech
Omissis
Omissis

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 389956 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli
1. Nhar it-13 ta' Gunju, 2006, u fil-jiem u xhur ta' qabel, b'diversi nhawi f'dawn il-Gżejjer, sabiex jikseb xi vantaġġ għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz billi waħħal sett pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru CBG039 fuq vettura differenti minn dik li għaliha kienu jappartjenu l-istess pjanci tar-reġistrazzjoni, u cioe' billi

waħħal l-istess pjanċi fuq vettura tal-marka ERF EC10 (numru tar-reġistrazzjoni tal-Ingilterra originali N118 DKR);

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, billi waħħal sett pjanċi tar-reġistrazzjoni foloz bin-numru CBG 039 fuq vettura differenti minn dik li għaliha kienu jappartjenu l-istess pjanci tar-reġistrazzjoni, u ċioe' billi wahhal l-istess pjanċi fuq vettura tal-marka ERF EC10 (numru tar-reġistrazzjoni tal-Ingilterra originali N118 DKR);

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, bagħbas, neħħa, biddel, jew għamel numru tal-identifikazzjoni ta' chassis jew magna ta', jew fuq vettura tal-mutur, u ċioe' billi stampa numru tax-chassis falza jaqra SAF40C2TR00063390MP fuq vettura tal-marka ERF EC10 bin-numru tax-chassis oriġinali jaqra SAF31C4RTOSO83356, u bin-numru tar-reġistrazzjoni tal-Ingilterra jaqra N118 DKR;

4. U aktar talli fuq talba tad-Direttur tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, talli fit-13 ta' Ġunju, 2006, u fil-jiem u xhur ta' wara, f'diversi nħawi f'dawn il-Gżejjer, bil-komplicita' u/jew bil-kooperazzjoni ta' xulxin, bil-ħsieb li jevadi t-taxxa dovuta jew li tista' ssir dovuta, naqas illi jagħti xi avviż minn dawk li jista' jinħtieġ li jagħti skont l-Artikolu 4 jew l-Artikolu 10(1) ta' l-Att dwar Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur, Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta, jew jagħti f'avviż bħal dak jew fi stqarrija li jagħmel mill-Awtorita' għall-għanijiet ta' dan l-Att, tagħrif li jkun jaf li ma kienx korrett jew sħiħ f'xi dettall materjali, xjentement bil-qerq, importa jew daħħal, jew kellu b'xi mod x'jaqsam f'li tigi impurtata jew imdaħħla f'dawn il-Gżejjer, vettura tal-għamla Tipper Truck tal-marka ERF EC10, bin-numru tax-chassis oriġinali li jaqra SAF31C4RTOSO83356 u bin-numru tar-reġistrazzjoni tal-Ingilterra li jaqra N118 DKR, liema taxxa dovuta kienet tammonta ghal €7,430 flimkien ma' 18% VAT li tammonta għal €1,337.40;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, u anke fit-12 ta' Mejju, 2008 u fil-jiem u xhur ta' qabel, f'diversi nħawi f'dawn il-Gżejjer, saq vettura tal-għamla ERF EC10 (bin-numru tax-chassis oriġinali jaqra SAF31C4RTOSO83356, u numru tar-reġistrazzjoni oriġinali tal-Ingilterra jaqra N118 DKR, mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, jew saq l-istess vettura mingħajr ma kellu liċenzja speċifikata biex isuq l-imsemmija vettura, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni għar-riskji ta' terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Marzu, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 2, 22 u 21 tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-appellant ħati tal-ewwel tliet akkużi kif ukoll tal-ħames akkuża u minnhom illiberatu iżda sabitu ħati tar-raba` akkuza u ikkundannatu jħallas il-multa tas-somma dovuta bħala taxxa ta' reġistrazzjoni fid-doppju tagħha u dan skont l-artikolu 21 tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta u ċioe` għas-somma ta' €14,860.

Rat ukoll l-artikolu 21 tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnat il-konfiska tal-vettura ġia esebita formalment bħala dok SM12.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta' April, 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu għal fejn l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant mill-ewwel, it-tieni, t-tielet u l-ħames akkuża u tħassarha u tirrevoka billi tillibera lill-appellant mir-raba` akkuża u fin-nuqqas tinfliġġi piena anqas ħarxa fiċ-ċirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti u cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta sabet ħtija fuq ir-raba` akkuża u dana peress li għamlet skorrettezza legali kwantu l-interpretazzjoni tal-artikolu 22(1) tal-Kap. 368 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-ewwelnett wieħed irid jibda billi jgħid li l-ewwel element kardinali tar-raba` akkuza huwa li t-tmexxija u l-prosekuzzjoni ta' każ dan issir "fuq talba tad-Direttur tal-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta …." U hemm imbagħad jiskatta l-obbligu kif sanċit fl-artikolu hawn fuq kkwotat.

Illi mix-xhieda ta' Brian Mallia, ikkwotat mill-Qorti fl-aħħar para tat-8 paġna tas-sentenza minn imkien ma jirriżulta li kienet inħarġet dik li hija magħrufa bħala "letter to prosecute" minn naħa tal-Awtorita` biex tibda l-kaz tagħha u għalhekk huwa stramb li l-Ewwel Qorti tgħid li ir-rekwiżiti tal-artikolu 22(1) tal-Kap. 368 kienu sodisfatti b'dak li qal Brian Mallia, meta dan ma jagħmel ebda referenza ghal xi "letter to prosecute" kif trid il-ligi. Illi f'dan il-kaz, id-difiza tal-imputat għar-raba` akkuża dejjem kienet li fin-nuqqas tal-"letter to prosecute" l-imputat kellu jiġi lliberat minn l-akkuza dedotta kontra tiegħu. Iżda imbagħad dak li qalet il-Qorti fl-imsemmi l-aħħar paragrafu tal-paġna 8 tas-sentenza jkompli jaqa` ghaliex meta wieħed jeżamina l-file tal-ADT esebit mix-xhud Stephen Cachia [fol. 96] imkien ma jirriżulta li l-imsemmija "letter to prosecute" effettivament kienet teżisti Illi l-Qrati tagħna dejjem interpretaw provvedimenti bħal dik li hemm fl-artikolu 22(1) tal-Kap. 368 f'sens wieħed u ċioe` li fl-atti għandha tassattivament tkun esebita t-talba biex tinbeda l-azzjoni. Leġislazzjonijiet simili għal din jinsabu fl-atti dwar id-Dwana u anke per ezempju l-VAT u anke fit-tmexxija ta' kawżi bħal dawn l-ewwel prova li jibda biha l-prosekutur tkun li tiġi esebita l-imsemmija "letter to prosecute". Illi f'dan il-każ il-mankanza ta' dina l-prova kellu jgib difett proċedurali u per konsegwenza l-esponenti kellu jigi meħlus mir-raba' akkuża.

L-Ewwel Qorti f'dan is-sens għamlet preċedentement perikoluż u perikoluż ħafna meta qalet li l-approvazzjoni da parti tal-Awtorita` hija biżżejjed biex ikun sodisfatt ir-rekweżit tal-artikolu 22(1). Illi jekk jigi aċċettat dan ir-raġunament skorrett sejrin jiġu miksura dawn il-principji u

cioe` :- l-ewwel biex l-aktar principju bażilari, li dak kollu li ma jinsabx fl-atti għal minn ser jiġġudika daqs li kieku ma jezistix; fit-tieni lok jekk ser ireggi l-argument tal-Ewwel Qorti lid-difiza ikun qed jinqatgħalha kull mezz ta' kontroll li jista` jkollha fuq il-kif saret it-talba minn l-Awtorita` kompetenti [speċjalment f'każ bħal dak odjern fejn għandek l-allegat involviment ta' aktar minn persuna waħda], ukoll jekk ireġġi dan l-argument tal-Ewwel Qorti, d-difiża u min qed jiġġudika ikun deprivat minn dwar liema reati allegatament miksura tkun saret it-talba biex issir prosekuzzjoni dwarhom. Fl-aħħar iżda mhux lanqas l-Ewwel Qorti bir-raġunament tagħha tat lill-prosekutur dritt li m'għandux u ċioe` li huwa dejjem obbligat iġib l-aħjar prova possibbli sabiex tigi misjuba ħtija. Illi għalhekk huwa ċar u manifest li bil-konsiderazzjoni tagħha l-Ewwel Qorti ma għamlet xejn għajr li lleġġitimat żball li għamlet il-prosekuzzjoni f'dan il-każ meta d-dubju għandu dejjem imur favur l-akkużat u mhux vice versa kif seħħ fil-każ odjern. Illi għalhekk bid-dovut rispett l-esponenti kellu jiġi mehlus mir-raba' akkuża wkoll.

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju u jekk f'pessima ipotesi dan ma jigix akkolt, anke dwar il-piena l-Ewwel Qorti kienet ħarxa iżżejjed. Illi fl-artikolu 21 tal-Kap. 368, kwantu għal piena l-Ewwel Qorti setgħet ikkundannat lill-ħati multa ta' mhux anqas minn Euro 2500. Illi bid-dovut rispett l-esponenti ma kienx il-persuna li nstiga kollox, iżda meta huwa ġie edott li l-imputati l-oħra Magri setgħu u kienu qed jagħmlu l-irregolarita` ta' manuvrar b'chassis numbers etc. huwa ddahhal f'dina il-manuvra u kompla mal-kurrent. Illi l-operazzjoni kollha kienet saret mill-aħwa Magri, impurtaturi rinomati ta' vetturi bħal dawn b'dak kollu li ġġib magħha dina s-sengħa. Illi di piu' kien l-esponenti li ttehidlu wkoll it-truck li jiswa eluf ta' Euro u li per konsegwenza l-esponenti spiċċa f'sitwazzjoni fejn kellu anke jieqaf mix-xogħol tiegħu biex literalment spiċċa diżokkupat minkejja li huwa kien bniedem tax-xogħol b'familja xi jmantni. Illi dan il-fatt kellu anke effetti serji psikiċi fuq l-imputat li gab il-prova li dan l-episodju f'ħajtu kien ikaġġunalu diffikultajiet kbar u li anke l-proċess ġudizzjarju kien effettwah mentalment. Illi l-appellanti spiċċa bla lira minħabba f'dak li ġara u

għalhekk l-Ewwel Qorti rinfaċċjata b'dawn iċ-ċirkostanzi altru milli setgħet tinfliġġi piena anqas harxa kif tippermittilha wara kollox il-liġi, milli għażlet li timponi l-aktar multa monetarja ħarxa fiċ-ċirkostanzi. Illi għalhekk b'sens ta' ġustizzja wiehed jappella biex ikun hemm varjazzjoni fil-piena billi tigi imposta f'każ ta' sejbien ta' ħtija lanqas piena ħarxa possibbli.

Ikkonsidrat

L-Ewwel Aggravju.

Li l-ewwel aggravju huwa dwar l-allegat nuqqas għax ma kenitx ippreżentata 'l-letter to prosecute.'

Illi l-Qorti qabblet il-provedimenti li hemm taħt il-Kap 368, il-Kap 37 u l-Kap 406 u sabet dan li ġej:

Kap 368
'22. (1) Ma tista' tinbeda ebda prosekuzzjoni għal xi reat li jsir kontra dan l-Att kemm-il darba din ma ssirx mill-Awtorità jew **bl-approvazzjoni** tagħha.

(2) Min jinstab ħati ta' reat li joħroġ minn dan l-Att ma jinħelisx la hu nnifsu u anqas ebda persuna oħra minn kull taxxa li jkollu jħallas u l-ħlas minn xi ħaddieħor ta' taxxa ma jeħilsux jew lil xi persuna oħra milli tista' tinbeda prosekuzzjoni kontrihom bis-saħħa ta' dan l-Att.'

(3) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma jolqtux proċedimenti kriminali taħt xi liġi oħra.

Kap 37
'76. (1) Proċedimenti dwar xi reat kontra din l-Ordinanza u kull proċediment biex tinġabar xi penali pekunjarja jew mod ieħor taħt din l-Ordinanza għandhom jinbdew minn jew f'isem il-Kummissarju.
(2) Dawk il-proċedimenti għandhom jinbdew fi żmien għaxar snin mid-data meta jsir ir-reat.'

Kap 406

83. (1) Ma għandhom jinbdew ebda proċedimenti taħt din it-Taqsima ħlief minn jew bil-permess tal-Kummissarju, u dawk il-proċedimenti hekk mibdija jistgħu f'kull żmien qabel is-sentenza finali jiġu rtirati fuq talba tal-Kummissarju.

Karetterizzazzjoni tal-imputazzjoni

L-ewwelnett, din il-Qorti qed tikkaretterizza ir-raba' imputazzjoni bħala waħda li taqa' taħt il-Kap 368 u mhux taħt il-Kap 37 għar-raġunijiet segwenti.

(i) Dan jirriżulta mid-diċitura tal-istess imputazzjoni li tirrifletti l-kliem li jidher fl-artikolu 21(1)(b) tal-Kap 368 kif ukoll mid-definizzjoni tal-frażi 'taxxa tar-reġistrazzjoni'. Din tal-aħħar għandha t-tifsira 'it-taxxa ta' reġistrazzjoni mitluba u miġbura skont l-artikolu 3.' (Dejjem tal-Kap 368). L-artikolu 3 tal-Kap 368 jipprovdi kif ġej:

'Għandha tiġi mitluba u miġbura mill-Awtorita' favur il-Gvern, taxxa ta reġsitrazzjoni u dritt għal-liċenzja ta' ċirkolazzjoni bir-rata jew bl-ammont speċifikat f'dan l-Att fuq ir-reġistrazzjoni u l-liċenzjar…'

Min-naħa l-oħra l-kelma 'awtorita'' hija mogħtija din it-tifsira:

'l-Awtorita' tat-Trasport f'Malta mwaqqfa taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att dwar l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta.'

Analiżi tal-Provvediment fil-Kap 368.

It-tieni: Ħarsa mill-qrib lejn dawn it-tliet provvedimenti jidhru li jinxtiebħu iżda mhumiex identiċi. Fil-każ tal-Kap 368, il-leġislatur introduċa l-kelma **'approvazzjoni'** tagħha. Żgur li m'hemmx ir-riġidezza li jidher fl-artikolu 67 tal-Kap 37 [1]. Il-kelma għandha inqas forza wkoll mill-kliem 'jew bil-permess tal-kummissarju' kif insibu fil-Kap

[1] Ara dwar dan is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fis-sena 2002 fl-ismijiet 'Ir-Repubblika vs Godfrey Ellul.'

406. Barra minn dan, waqt li taħt il-Kap 37 u 406 huwa possibbli li tasal f'xi ftehim mal-Kummissarju rispettivi taħt ċerta kondizzjonijiet, u għalhekk huwa loġiku li jkun hemm provvedimenti aktar iebes qabel jibda l-proċess, din il-fakolta' ma teżistix taħt dan il-Kap. Għalhekk din l-approvazzjoni mhux bilfors li trid issir 'bil-letter to prosecute' formali. Il-Qorti ma qed tara ebda preġudizzju għad-difensur li l-approvazzjoni ssir b'mod u mhux b'ieħor. U kif ser jirriżulta mit-tielet raġuni, din l-approvazzjoni tirriżulta ampjament:

Żewġ xhieda jikkonfermaw bil-ġurament li ntbagħtet l-ittra

It-tielet: Issa mill-atti jirriżulta li meta xehed l-Ispettur Stephen Mallia fis-7 ta' Novembru 2008, huwa qal hekk:

'Sussegwentement jiena ktibt lill-ADT. Infurmajthom bl-investigazzjoni tagħna. Tajthom id-dettalji kollha tat-truck. Għidtilhom illi invista tal-akkużi li konna bi ħsiebna noħorġu ai termini tar-Registration Tax Act kellhom jibagħtulna letter to prosecute, liema letter to prosecute fil-fatt bagħtuhielna wara li kont bgħattilhom reminder fejn kienu talbuna nipproċedu kriminalment kontra t-tliet persuni.'[2]

Jirriżulta wkoll mill-atti li meta xehed Brian Farrugia in rappreżentanza tal-ADT huwa qal hekk:

'B'hekk aħna tlabna lill-pulizija biex inkomplu jinvestigaw. Ħriġnilehom il-letter to prosecute fejn aħna tlabniehom illi ġaladarba kien hemm ksur minħabba t-taxxa tar-reġistrazzjoni li fis-sena meta ġara l-każ kienet tammonta għal 7430 Euro flimkien ma' 18% VAT li tammonta għal 1337.40 Euro. Dawn kienu kollha bi ksur taħt it-taxxa tar-reġsitrazzjoni skont il-Kap 368 u b'hekk tlabna lill-Pulizija biex tipproċedi.'

[2] Ara ittri datati 10 ta' Ġunju 2008 u 18 ta' Lulju, 2008.

Mix-xhieda ta’ Brian Farrugia jirriżulta mhux biss li l-Awtorita’ tat-Trasport tat l-approvazzjoni tagħha, talli saħansitra talbet lill-Pulizija biex ikomplu jinvestigaw.

L-abbli difensur jissottometti li din l-ittra tal-Awtorita’ ma tidhirx fid-dokument immarkat ‘SC’ a fol 91. Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-fatt li ma hemmx kopja ta’ din l-ittra fil-file SC ma jfissirx li din ma ntabgħtitx.

Fl-aħħarnett, dwar dan il-punt, kieku l-Awtorita’ tar-Trasport ma approvatx il-bidu tal-proċeduri tal-Pulizija, kieku ma bagħtetx rappreżentant tagħha jixhed fil-Qorti u jgħid x’kellha tieħu l-Awtorita’ u li l-Awtorita’ kienet talbet lill-pulizija jkomplu jinvestigaw. Evidenza ta’ approvazzjoni aħjar minn din ma jistax ikollok.

Il-Best Evidence Rule

Ir-raba’ raġuni

Id-difiża ssottomettiet ukoll li f’dan il-każ ‘il-best evidence’ kienet tkun il-letter to prosecute.

Fil-fehma tal-Qorti, dan mhux bilfors huwa korrett. L-ewwelnett ħa naraw kif qed tkun ittrattata din ir-regola li tidher fl-artikolu 559 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Fil-Blackstone’s Criminal Practice tas-sena 2008)xord paġina 2285 insibu hekk :

‘The best evidence rule, which was used in the 18th and early 19th centuries as an exclusionary principle, i.e. to prevent the admission of certain evidence where better evidence was available, is now all but defunct.’

U Lord Denning qal hekk dwar din ir-regola:

‘The old rule, that a party must produce the best evidence that the nature of the case will allow, and that any less good evidence is to be excluded, has gone by the board long ago. The only remaining instance of it is that, if an original document is available on one’s hands, one must produce it; that one cannot give secondary evidence by

producing a copy. Nowadays we do not confine ourselves to the best evidence. We admit all relevant evidence. The goodness or badness of it goes only to weight, and not to admissibility.'[3]

Minn dawn iż-żewġ kwotazzjonijiet jirriżulta li l-best evidence rule kif nafuha ilha li spiċċat. Aħna nibqgħu nippersistu ngħidu l-istess ħaġa qisu qatt ma ċċaqlaq xejn għal tal-anqas dawn l-aħħar 44 sena. Basta ngħidu bħal dak li qalu ta' qabilna.

Issa f'dan il-każ mhux qed nitkellmu dwar kambjali, testment, jew xi cheque. Qegħdin nitkellmu dwar jekk l-Awtorita' tatx appovazzjoni lill-Pulizija Esekuttiva biex tkompli bil-proċeduri meta din l-Awtorita' għandha s-setgħa u d-dmir li tiġbor kull ċenteżmu taxxa tar-Reġistrazzjoni tal-Karozzi. Lanqas ma għandna niddubitaw li xhieda ta' wieħed mill-uffiċjali tal-Awtorita' biex ikumm prova li l-Awtorita' riedet tkompli dawn il-proċeduri hija ***aqwa*** minn kull ittra li setgħet tkun prodotta bħala 'Letter to Prosecute.'

Il-Ħames Raġuni

L-appellant jirreferi għall-każ 'Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima' Appell Numru 2/2001tal-25 t'Ottubru, 2002 in sostenn tal-ewwel aggravju tiegħu. Il-Qorti fliet dan l-appell diversi drabi iżda ma jidher minn imkien li dan kellu x'jaqsam mal-preżentazzjoni tal-'letter to prosecute.' Filfatt dan il-punt kruċjali ta' dan il-każ kien il-preskrizzjoni. (Ara par.9).

Għal dawn il-ħames raġunijiet qed ikun respint l-ewwel aggravju.

It-Tieni Aggravju

Dan l-aggravju huwa limitat għall-piena. Il-Qorti eżaminat l-artikolu 21(1)u 21(2) tal-Kap 368.

Tal-ewwel jgħid li piena għandha tkun mhux iżjed minn 2500 Ewro, JEW daqs darbtejn l-ammont tat-taxxa tar-reġistrazzjoni f'perikolu, **skont liema tkun l-aktar**. La l-

Ewwel Qorti u lanqas dina m'għandha xi għażla. Jekk it-taxxa perikolata kienet ta' 7430 Euro, mela d-doppja tagħha hija €14, 860.

Dwar it-tieni subinċiż, m'hemmx dubju li dan jorbot lill-Qorti wkoll għax jipprovdi hekk:

'Meta wieħed jinstab ħati ta' reati msemmi fis-subartikolu 1(a) jew (b), il-qorti **għandha, b'żieda mal-piena stabbilita fis-subartikolu smemmi, tordna l-konfiska tal-vettura bil-mutur li dwarha jkun sar ir-reat.**

F'dan il-każ l-appellant kien akkużat bi ksur tal-artiolu 21(10(b). Isegwi li l-Qorti tal-Maġistrati kellha bilfors tikkonfiska l-vettura in kwistjoni.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju wkoll.

Konklużjoni

Il-Qorti qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Joseph Fenech' fit-13 ta' Marzu 2012.

< Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------